MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 341/2005

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Joseph u Romina mizzewgin Gauci

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 11 ta' Settembru, 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok "A"), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet facilita` bankarja lill-konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci;

Illi s-socjeta` attrici kienet tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci fis-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm20,229.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Romina mizzewgin Gauci mal-

Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “BI sa C3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 t’ Ottubru 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 11 ta’ Settembru 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion fuq imsemmi (u esebit mac-citazzjoni bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci li kienu jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenuti kienu iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Settembru, 2004 li kopja taghha kienet giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok “D”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadampjenti,

Il-bank attur talab lill-Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 11 ta’ Settembru 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion fuq imsemmi (u esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

(2) Tikkundanna lil Joseph u Romina mizzewgin Gauci jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm 20,229.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Romina mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa C3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 t' Ottubru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru, 2004 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank attur.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit rapprezentant tal-bank attur li fiha ssemma li, bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 11 ta' Settembru, 1999 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok "A"), is--socjeta` attrici ikkoncediet facilita` bankarja lill-konvenuti Joseph u Romina Gauci. Il-bank attur jinsab kreditur tal-konvenuti Joseph u Romina Gauci fis-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm20,229.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Romina mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mill-31 ta' Ottubru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Semghet bil-gurament lill-<u>P.L. Joseph Zammit</u> li qal li fir-rigward tal-bilanc dovut mill-konvenuti, dan ghadu kollu kif

inhu indikat fic-citazzjoni ta' dan il-kaz, u s'issa l-konvenut ghadu ma tax ebda pagamenti min-naha tieghu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci.

Illi rrizulta li s-socjeta` attrici ntavolat il-kawza odjerna, stante li s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci fis-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (LM20,229.05), l-ammont dovut ghal-'Loan Accounts' ta' Joseph u Romina mizzewgin Gauci u dan wara li nghataw facilita` bankarja. Illi jirrizulta mill-atti li l-konvenuti huma kontumaci.

Illi rrizulta li permezz tat-termini stabbiliti fil-kuntratt (a fol 7-17) giet koncessa facilita` bankarja lill-konvenuti. Illi dan id-debitu tal-konvenuti jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn fol 18 sa 23. Illi nonostante li l-fatt li l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali mill-Bank attur, dawn baqghu inadempjenti (a fol 25).

Illi in effetti rrizulta mill-provi li s-socjeta attrici hija kreditrici ghall-ammont imsemmi fic-citazzjoni, u dan l-ammont ghadu kollu dovut u dan kif jirrizulta mix-xhieda tal-P.L. Joseph Zammit fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2005.

Illi stante li dan il-loan gie ffirmat mill-konjugi Gauci, f'Settembru 1999 t-tnejn li huma. Illi b'hekk, b'hemm l-ebda dubju li dan id-debitu huwa dovut minnhom it-tnejn. Hawnhekk, japplika l-artikolu 1322(2) u (3) (f) tal-Kap 16 li jipprovdu li l-amministrazzjoni straordinarja li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Il-ligi telenka diversi atti fosthom "li tissellef jew tislef flus". Hemm ukoll l-artikolu 1326(1) li jipprovdi li meta l-atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati skond kif il-ligi tiddisponi.

Illi konsegwentement ghar-ragunijiet fuq premessi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti b'dan illi tiddikjara u tiddeciedi li sehhet wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 11 ta' Settembru 1999 in atti Nutar Dr. Carmelo Mangion partikolarment imma mhux eskluzivament billi l-konvenuti a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Joseph u Romina mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici; kif ukoll tikkundanna lil Joseph u Romina mizzewgin Gauci jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin Lira Maltin u hames centezmi (Lm 20,229.05) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Romina mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 t' Ottubru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------